# Beati u Qaddisin....Novembru

## SANTA FRANGISKA SAVERIA CABRINI
## 13 TA' NOVEMBRU



Frangiska Saveria Cabrini kienet l-ewwel cittadina Amerikana li giet kanonizata. Cabrini giet naturalizzata bhala cittadina tal-Istati Uniti fl-1909. Il-fiducja ghamja taghha f'Alla l-Imbierek sahhitha biex tkun mara ta' kuragg biex tahdem fil-ghalqa tal-Mulej.

Kienet irrifjutata t-talba taghha biex tidhol fl-Ordni religjuza li edukatha biex tkun ghalliema. Madanakollu

hija bdiet ix-xoghol ta' karita'  taghha billi mexxiet id-Dar tal-Providenza, Orfanatrofju gewwa Cadogno fl-Italja. F'Settembru 1877 hija ghamlet l-ewwel voti taghha hemmhekk u libset l-abitu religjuz ta' l-Odrni li hija waqqfet.

Meta l-arcisqof ghalaq l-orfanatrofju fis-sena 1880 huwa nnomina lil Frangiska badessa tas-Sorijiet Missjunarji tal-Qalb Imqaddsa. Sebgha zaghzagh nisa mill-orfanatrofju nghaqdu maghha.

Sa minn ckunita Francesca dejjem kellha x-xewqa li tmur missjunarja fic-Cina imma fuq talba tal-Papa Ljun XIII, Frangiska marret lejn il-punent minflok il-lvant. Hija vvjaggat ma' xi sorijiet ohra lejn New York biex tahdem ma' l-eluf ta' immigranti Taljani li kienu qed jghixu hemmhekk.

Hemm habbtet wiccha ma' hafna problemi. Malli waslet New York sabet li d-dar li kellha sservi ta' orfanatrofju ma kienitx disponibbli. L-arcisqof li ma tantx kien entuzjasta bil-migja taghha, sabilha kenn fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Karita'.  Imma Frangiska, ta' mara qalbiena, quddiem dawn id-diffikultatjiet, kienet determinata li twaqqaf l-orfanatrofju. Talbet il-permess ta' l-isqof u rnexxielha.

Sabet nies generuzi li ghenuha minn flushom biex tmexxi 'l quddiem l-missjoni taghha.

Fuq medda ta' zmien ta' 35 sena Frangiska Saverja Cabrini waqqfet 6 istituzzjoni, dedikati li jiehdu hsieb il-foqra, l-abbandunati, il-morda u dawk neqsin mill-iskola.

Gharfet li hafna immigrant Taljani bdew jitilfu l-fidi u ghalhekk waqqfet skejjel u klassi ghal adulti biex jedukawhom.

Sa minn ckunita dejjem bezghet mill-ilma, billi qatt ma ghelbet il-biza' li teghreq. Madankollu minkejja din il-biza hija qasmet l-Atlantiku ghal aktar minn 30 darba. Hija mietet kawza tal-marda tal-Malarja fl-sptar li waqqfet hija stess, Columbus Hospital, Chicago, fl-eta' ta' 67 sena, fit-22 ta' Dicembru, 1917, waqt li kienet qed tipprepara l-helu tal-Milied ghat-tfal lokali.